Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*30 ta' Mejju 2013*
76/2013

**L-IŻVILUPP ĦOLISTIKU TAL-ISTUDENTI PERMEZZ TAL-MEDIA**

**Data: Il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2013**

Post: Dar Ħanin Sammaritan, St Venera (maġenb l-iskola St Michael's)

**Ħin: 9.00 a.m.**

Bħala parti mill-impenn tal-Knisja, fit-tagħlim ħolistiku tal-istudenti li jattendu l-iskejjel tagħha, is-Segertarjat għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali u s-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija qed jorganizzaw seminar dwar il-*Media Education* bit-tema '*A whole-person approach towards Media Education*'. Dan ser isir għada bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m. f'Dar Ħanin Sammaritan, St Venera. Għal dan is-seminar ser jattendu l-għalliema tal-PSD u tal-Media Education fl-iskejjel tal-Knisja, filwaqt li ġew mistiedna wkoll l-għalliema tal-istess suġġett fl-iskejjel tal-Istat.

Matul dan is-seminar ser jiġu mnedija inizjattivi ġodda fil-qasam tal-Media Education, fosthom inizjattiva *online* li minnha ser jibbenefikaw l-għalliema, u inizjattiva ġdida bil-għan li l-istudenti Maltin isiru konsumaturi aktar kritiċi tal-messaġġi li jirċievu mill-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Il-kelliem ewlenija ser tkun Ms Marketa Zezulkova, *lecturer* mir-Repubblika Ċeka li speċjalizżat fil-*Media Education* u li qed tagħmel riċerka fuq livell ta' dottorat f'bosta skejjel primarji u sekondarji madwar id-dinja. Ser jindirizza wkoll is-seminar is-Sur Stephen Vella, li huwa direttur tal-Istitut tal-Arti u d-Diżinn fl-MCAST, li ser jitkellem dwar il-kors tal-*Creative Media Education* u l-opportunitajiet li jeżistu f'dan il-qasam.

L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. u l-Isqof Awżiljarju Charles J. Scicluna ser ikunu preżenti għal dan is-seminar. L-Arċisqof ser jagħti l-messaġġ tiegħu fi tmiem is-seminar, filwaqt li d-Delegat tal-Arċisqof għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali, Fr Charles Tabone O.P. ser jiftaħ is-seminar.